KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Disa' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 1 Tlieta 8 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill ,fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Tielet Sular, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:00pm ta' filgħaxija.

Qabel ma bdiet il-laqgħa s-Sur Anthony Decelis ħa l-ġurament ta' Kunsillier, quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Ian Micallef, peress li ma setax jattendi c-ċerimonja tal-ġuramenti li saret fit-25 ta' Ġunju.

PREŻENTI:
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi-Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Christopher Grech- Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici -Kunsillier
Rachel Abela -Kunsillier
Aiken Zerafa -Kunsillier
Chantelle Portelli-Kunsillier
Charles Schembri-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Andre Buhagiar-Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Il-Kunsillier Cassar ippresjeda l-laqgħa.

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Il-Kunsillier Cassar ppreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsillier Buhagiar. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

1.2 Introduzzjoni mill-Kunsillier Cassar
Il-Kunsillier l-aktar anzjan Cassar mexxa l-laqgħa u għamel l-intervent tiegħu. Anness dokument Appendiċi A. Il-Kunsillier Cassar qara wkoll messaġġ mil-Kunsill ta' Millbrae li qed jiġi anness bħala Appendiċi B.

1.3 **Diskors mill-eks Sindku is-Sur Christopher Grech**

Il-Kunsillier Grech qara d-diskors tiegħu li jinsab anness ma dawn il-minuti bħala Appendiċi C.

1.4 **Ħatra u Aċċettazzjoni tal-Viċi Sindku Keith Cassar**

Il-Kunsillier Gatt staqsa lil-Kunsillier Cassar jekk hux ser jaċċetta il-kariga ta' Viċi Sindku. Il-Kunsillier Cassar ikkonferma li aċċetta l-kariga, liema aċċettazjoni kienet iffirmata.

1.5 **Għoti tal-Ġurament tal-Kariga tal-Viċi Sindku Keith Cassar**

Quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Ian Micallef, il-Kunsillier Keith Cassar ħa l-ġurament tal-ħatra ta' Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku Cassar għamel id-diskors tiegħu. Id-diskors jinsab anness ma dawn il-minuti bħala Appendiċi D.

1.6 **Ħatra u Aċċettazzjoni tas-Sindku Joseph Gatt**

Il-Viċi Sindku Cassar staqsa lil-Kunsillier Gatt jekk hux ser jaċċetta il-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier Gatt ikkonferma li aċċetta l-kariga, liema aċċettazjoni kienet iffirmata.

1.7 **Għoti tal-Ġurament tal-Kariga tas-Sindku Joseph Gatt**

Quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Ian Micallef, il-Kunsillier Joseph Gatt ħa l-ġurament tal-ħatra ta' Sindku.

1.8 **Ħatra ta Responsabiltajiet tal-membri tal-Kunsill**

Is-Sindku qassam id-dekasteri, li ġew moqrija mis-Segretarju Eżekuttiv li jinsabu anness ma dawn il-minuti bħala Appendiċi E.

1.9 **Diskors mis-Sindku il-ġdid Joseph Gatt**

Is-Sindku Joseph Gatt għamel diskors tiegħu. Id-diskors jinsab anness ma dawn il-minuti bħala Appendiċi F.

1.10 **Ġranet u Ħinijiet tal-Laqgħat tal-Kunsill**

Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat ser jkunu maqbula fil-laqgħa li jmiss, li ser issir fit-23 ta' Lulju 2024.

1.11 **Tmiem il-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-7:55pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-23 ta' Lulju 2024 fis-6:00pm.

Konfermati llum 8 ta' Lulju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI<br>Joseph Gatt<br>Sindku | IFFIRMATI<br>Lorraine Templeman<br>Segretarju Eżekuttiv |

APPENDICI A

Onor. Kap tal-Oppozizzjoni,

Onor. Membri Parlamentari,

Wisq Rev. Arċipriet,

Kunsilliera,

Eks Sindki u Eks Kunsilliera,

Ħbieb Mostin,

Minkejja li għandi biss 35 sena, illejla ġejt mgħoti it-titlu ta' Anzjan! Titlu li fil-liġi tal-Kunsilli Lokali huwa mgħoti lil dak l-kunsillier li jkun ilu jservi l-aktar fil-Kunsill Lokali u mhux mkejjel bl-eta! B'umilta ersaqt quddiem l-elettorat Mosti u ġejt elett għall-ewwel darba 12 l-sena ilu – kelli biss 23 sena! Wara, elezzjoni wara l-oħra bil-fiduċja tal-Mostin ġejt kkomfermat fl-elezzjonijiet ta' wara u ta' 27 sena umilment u bi privileġġ servejt ukoll bħala l-iżgħar Sindku tal-Mosta. B'passjoni u b'enerġija servejt fil-karigi kollha tal-Kunsill Lokali- Kunsillier, Viċi Sindku, Sindku u Minority Leader. Din issa ser tkun ir-4 leġiżlatura konsekuttiva tiegħi u ser nkun qed nkompli nservi mingħajr ebda aspirazzjoni politika oħra.

L-anzjan huwa dak li tradizjonalment jgħati pariri ta' min joqgħod fuqhom. Jien peress li minix anzjan mhux ser ngħati pariri, iżda ser nwassal appell ġenwin.

L-appell tiegħi fil-bidu ta' din id-9 leġiżlatura huwa li ġa la darba issa għaddiet l-elezzjoni, ejjew ninsew l-aġendi personali u nwarrbu l-kuluri politiċi. Issa irridu nkunu team wieħed, team maqgħud b'għan wieħed, b'aġenda singulari u komuni. Għandna nkunu Team Mosta u l-aġenda għandha tkun il-Mosta. Huwa b'hekk biss li tista tirbaħ l-Mosta. B'hekk biss jistgħu jirbħu u jgawdu l-Mostin.

Ngħalaq sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li tul iz-zmien, f'dawn it-30 sena ta' Kunsilli Lokali servew fil-Kunsill Lokali tal-Mosta. F'dawn it-30 sena kellna xejn inqas minn 65 rappreżentanti eletti mmexxija minn 10 Sindki differenti. Ħajr ukoll lil dawk li tul iż-żmien kkontestaw l-elezzjonijiet u ma ġewx eletti u nsellem ukoll lil dawk li m'għandhom magħna.

Li tkun kandidat, mhux pass faċli. Li tkun kunsillier jitlob impenn kbir, dedikazzjoni sfiqa u anke sagrifiċċju. J'Alla fiż-żmien li ġej nibqgħu insibu nies li jkunu lesti jservu u jkunu denji li jissejħu Kunsilliera.

Awguri.

Keith Cassar

08.vii.2024

APPENDICI B

ANDERS FUNG
Mayor

MAURICE GOODMAN
Vice Mayor

ANGELINA CAHALAN
Councilmember

GINA PAPAN
Councilmember

ANN SCHNEIDER
Councilmember

# City of Millbrae

621 Magnolia Avenue, Millbrae, CA 94030

July 3, 2024

Mayor Joseph Gatt
Mosta Local Council
Civic Centre (Level 2)
Constitution Street
Mosta MST 9059

**Re: Letter to City of Mosta**

As Mayor, and on behalf of the City of Millbrae, it is my pleasure to extend warmest congratulations to Mayor Joseph Gatt, Deputy Mayor Kieth Cassar, and Councillors, Anthony Agius Decelis, Chris Grech, Thomas De Martino, Michaela Ann Bayliss, Sammy Mallia, Pia Bonnici, Rachel Abela, Andre Buhagiar, Aiken Zerafa, Chantelle Portelli, Charles Schembri.

Congratulations on your election, and best wishes for your success as you prepare to assume the responsibilities and challenges of Mayor, Deputy Mayor, and Councillors. Your dedication to public service and willingness to lead your City forward are truly commendable.

In this spirit of community, I also wish to emphasize the importance of our Sister City's relationship with Mosta. This friendship stands as a testament to the bonds that transcend borders and cultures. Through cultural exchange and mutual understanding, we have built bridges that enrich the lives of our citizens and strengthen the fabric of our communities.

We were honored to have sent a delegation to Mosta in April of 2019, during which time we grew our relationship between our two cities. Former Mayor Robert Gottschalk and Sister Cities Chair Kathleen Kimura were part of the delegation of twenty people to visit Mosta, where they toured the City and met the President of Malta and a member of Congress. The hospitality of your City and of your Country has always been welcoming and a true representation of the friendship we have built between our Cities. In addition, we were very excited to host the delegation your City sent to Millbrae just a few years ago and look forward to planning a future visit.

Three years ago, we all planted olive trees simultaneously. By planting olive trees in Millbrae, the City of Mosta, and the City of Ramallah, the three cities pledged mutual support and

embodied the symbolisms of the Olive Tree and the Olive Branch, declaring peace, friendship, and unity, as well as healing, and prosperity amongst our communities and regions.

As we look ahead, let us renew our commitment to nurturing this relationship. Let us continue to explore avenues for collaboration in education, commerce, and the arts. Together, we can create opportunities that benefit not only our Cities but also pave the way for a brighter future for generations to come.

In conclusion, let us celebrate this moment of transition with optimism and determination with your new Mayor, Deputy Mayor, and Councilors. Here's to a future filled with promise and progress for Millbrae and Mosta.

Best Regards,

Anders Fung
Mayor

# DISKORS MILL-EX SINDKU L-PERIT CHRIS GRECH – VIII LEĠISLATURA

Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni, Membri Parlamentari, Membri tal-kunsill lokali l-ġdid, kollegi u għeżież ċittadini tal-Mosta,

Illum, hekk kif qedgħin ninġabru għall-ewwel laqgħa uffiċjali tat-terminu l-ġdid tad-disgħa leġislatura tal-kunsill lokali, huwa għalija unur li noqgħod quddiemkom u nitkellmu dwar il-ħidma li bdejna fuqha flimkien matul dawn l-aħħar ħames snin. Il-mandat tiegħi ta' tlett snin bħala Viċi-Sindku taħt Kunsill immexxi mis-sindku Romilda Zarb u l-aħħar sentejn bħala Sindku kien ta' sfida kif ukoll ta' sodisfazzjon, u jien grat għall-opportunità li nservi din il-komunità li tgħix fil-Mosta tant għażiża tagħna.

Meta dħalt fil-kariga ta' Sindku sentejn ilu, wiegħdt li ser naħdem bla heda biex intejjeb il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-Mosta. Jien kburi ngħid li għamilna passi sinifikanti lejn dak l-għan. Il-kisbiet tagħna, għalkemm mhux mingħajr id-diffikultajiet tagħhom, huma xhieda tal-isforz u d-dedikazzjoni kollettivi tagħna.

Waħda mill-kisbiet ewlenin tagħna kienet it-titjib tal-infrastruttura lokali. Aġġornajna diversi toroq ewlenin, taffejna għal kuntlarju tal-perċezzjoni ta' ħafna l-konġestjoni tat-traffiku u tjiebet s-sigurta' kemm għall-persuni mexjin kif ukoll għas-sewwieqa. Il-manifest imwiegħed mhux biss twettaq fl-intier tiegħu, iżda oltre sar il-proġett tar-riġenerazzjoni tal-pjazza. Dan ma kienx proġett żgħir, peress li kien jeħtieġ pjanar u koordinazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati. Iffaċċjajna bosta sfidi, inklużi restrizzjonijiet u kwistjonijiet tekniċi mhux previsti, iżda d-determinazzjoni tagħna ratna nikkonkludu dan il-proġett ta' l-akbar riġenerazzjoni fil-pjazza.

Minbarra l-infrastruttura, għamilna progress konsiderevoli fit-titjib tal-ispazji pubbliċi. Ir-rinnovazzjoni tal-ġonna komunitarji u l-ħolqien ta' żoni ħodor ġodda li qed jipprovdu lir-residenti b'aktar opportunitajiet ta' rikreazzjoni u għat-titjib estetiku ġenerali tal-Mosta tagħna. Nistgħu ngħidu l-Mosta għandna tnax il-spazzju pubbliku li kollha jinsabu fl-aħjar stat tagħhom.

Dawn il-proġetti ġew milqugħa tajjeb minn ħafna, iżda wkoll bħal dejjem iffaċċajna xettiċiżmu minn xi wħud li ddubitaw il-ħtieġa tagħhom. Madankollu, nemmen bis-sħiħ li l-investiment fi spazji pubbliċi huwa u jibqa' kruċjali biex jitrawwem sens ta' komunità u kwalita' ta' ħajja aħjar.

Il-ħidma tagħna kienet msejsa fuq is-sostenibbiltà, mplimentajna diversi inizjattivi ambjentali, inkluż l-implimentazzjoni tal-programm komprensiv tal-ġbir tal-iskart u l-installazzjoni ta' dawl fit-toroq effiċjenti fl-enerġija.

Inizjattivi bħal dawn ħafna drabi jeħtieġu impenn fit-tul u mhux dejjem jagħtu riżultati immedjati, iżda huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli tal-Mosta.

Minkejja dan ix-xogħol u l-proġetti, huwa importanti li nirrikonoxxu d-diffikultajiet li ltqajna magħhom tul it-triq.

It-triq għall-progress rari tkun bla xkiel, u ffaċċjajna ftit ostakli mhux ħażin. Limitazzjonijiet finanzjarji, burokrazija, u xi kultant anke reżistenza minn ġewwa l-komunità tagħna ttestjaw ir-riżoluzzjoni tagħna.

Madankollu, ipperseverajna, mexxejna b'twemmin id-deċiżjonijiet li ħadna, għalkemm mhux dejjem popolari, kienu fl-aħjar interess tal-Mosta ta' għada.

Huwa faċli li tieħu deċiżjonijiet malajr ibbażati fuq dak li hu popolari bħalissa.

Il-popolarità tista 'tkun motivatur qawwi, iżda mhux dejjem hija l-aħjar gwida għal tmexxija effettiva. Bħala mexxejja tal-lokalita', għandna r-responsabbiltà li nħarsu lil hinn mill-immedjat u nikkunsidraw l-impatt fit-tul tal-azzjonijiet tagħna.

Dan spiss ifisser li tieħu deċiżjonijiet iebsa, u kultant mhux popolari.

Iżda huwa permezz ta' dawn id-deċiżjonijiet li nqiegħdu s-sisien għal titjib dejjiemi u tkabbir sostenibbli.

Eżempju notevoli ta' dan il-prinċipju kienet id-deċiżjoni tagħna li nbiddlu s-sistema tat-trasport pubbliku lokali. Din kienet kwistjoni kumplessa u kontenzjuża, b'ħafna vuċijiet kemm favur kif ukoll kontra l-bidliet proposti.

Fl-aħħar mill-aħħar, mxejna 'l quddiem bi pjan li kien imfassal biex itejjeb l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà, minkejja li ffaċċjajna oppożizzjoni sinifikanti.

Saret l-akbar konsultazzjoni pubblika li qatt saret fi 30 sena Kunsill lokali. Konsultazzjoni bejn residenti, sidien ta' negozji, Sme's u għaqdiet lokali. Ħadna u qrajna kull ilment jew proposta u biddilna u ddiskutejna. Iddiskutejna mall-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar kelna niddeċiedu. Kellna bord maħtur ta' *Traffic Management* magħmul minni, mill-ex Sindku Romilda Zarb, mill-kunsilliera Pia Bonnici, Frans Deguara, George Borg u Keith Cassar illum Viċi Sindku. Iddiskutejna u kelna għexieren ta' laqgħat. Biddilna flimkien u lestejna proposti maqbula biex wara dawn telgħu Kunsill u ġew ukoll approvati u wara mplimentati. Ovjament, għalkemm maqbula fil-Kunsill, min ma jaqbilx dejjem xorta waħda jwaħħal fis-Sindku. Pero la tkun Sindku, dan il-fatt trid tgħix bih u taċċettaħ, minkejja li d-deċizzjoni tkun maqbula fil-Kunsill.

L-istess ġara fuq id-deċizzjoni li ħa l-Kunsill bi qbil waqt laqgħat tal-Kunsill għat-*transplanting* tas-siġar tal-ficus fil-pjazza. Mhux biss kelna qbil waqt il-laqgħat tal-Kunsill, iżda kellna wkoll dawk il-permessi neċessarju. In-negattiv malajr jiġi kritikat mir-residenti, ngo's u media, pero tafu kemm ħawwilna siġar f'dawn l-aħħar sentejn. F'dan il-perjodu nżergħu l-akbar ammont ta' siġar u arbuxxelli fil-Mosta f'kemm ilu jeżisti l-Kunsill tal-Mosta. U mhux siġar żgħar, pero siġar kbar u maturi bħalma huma s-siġar tal-ballut, ta' Ġuda, tal-Prinjol, *Jacarandas* u taż-żebbuġ. Ħawwilna dawn is-siġar u arbuxxelli fi spazji

pubbliċi bħal Ġnien 15 ta' Ottubru fiż-Żokrija, Ġnien George Grognet De Vasse fil-Blata l-Għolja, f'Santa Margerita fi triq l-Imsaqqfin u Santu Rokku, fi triq Ġuże Delia, fi triq il-Kostituzzjoni, fi triq it-Tama, fi triq il-Waqqafa biex blokkajna darba għal dejjem l-aċċess mill-parkeġġ tal-Pama għal din iż-żona, u fl-aħħar u mhux l-anqas fir-riġenerazzjoni tal-*Housing Estate* b'taħwil ta' diversi siġar u arbuxxelli fi ġnien Freddie Micallef, fi triq l-Istiratur, triq id-Dawr, il-Planeċ, Gradiljoli, Għżari u r-*roundabout t*ad-daħla tal-*Housing Estate*. Dan kollu ħadd qatt ma semmiħ fil-media. Infaqna eluf f'siġar, arbuxxelli, qsari u fjuri staġonali. Kultant ikollok żona mimlija pjanti invażivi, li malli taqlahom kif tippermetti l-liġi biex tagħmel proġett isbaħ b'siġar indiġeni tkun diġa fuq *Facebook*. Imbagħad wara malli tlesti l-proġett, ir-residenti jaraw, japprezzaw u jgħidulek kemm ġie sabiħ. Sfortunatament qisu l-unika mezz ta kommunikazzjoni sar *Facebook* u mhux kulħadd isegwi l-pagna tal-kunsill apparti li hawn diversi gruppi ta' paġni fuq *Facebook*. Jibqa' l-fatt li l-paġna uffiċjali tal-Kunsill hija waħda.

Iż-żmien biss jgħid jekk l-isforzi tagħna humiex se jtuna raġun, imma jien fiduċjuż li għamilna l-għażliet t-tajbin għall-ġid komuni tal-Mosta. Hekk kif il-kunsill il-ġdid qed jieħu r-riedni f'idejh, inħeġġiġkom biex tkompli f'din it-triq.

Illum irrid nawgura s-Sindku preżenti Joseph Gatt. Diġa kellna diversi laqgħat ta' *hand over* kif jixraq. Jiena sinċerament nawguralek. Sur Sindku, ibqa' sod fl-impenn tiegħek biex tieħu deċiżjonijiet li jagħtu prijorità lill-kwalita' tal-ħajja tal-komunità tagħna u mhux fuq il-popolarità għal żmien qasir.

Huwa naturali li tfittex l-approvazzjoni u l-appoġġ, imma t-tmexxija vera teħtieġ il-kuraġġ biex tagħmel dak li hu tajjeb, anke meta ma jkunx faċli. Ħafna drabi ma ssibx ħajt ta' kenn u tkun trid tiddeċiedi int. Tkun trid tkun sod u b'saħħtek li wara li tisma, tiddeċiedi meta taf li bid-deċizzjoni tiegħek se tingħoġob ma ħafna u taf se toħloq polemika ma ħafna wkoll. Tista' titfa' kollox taħt it-tapit, u ma tiddeċiedi qatt u xejn u tkarkar u tkarkar.

Dan il-karattru tal-aħħar żgur mhux tiegħi u kburi li wettaqna ħafna xogħol għal Mosta tagħna, xogħol li kien jirrekjedi deċizzjonijiet iebsa. Avolja naf li dawn id-deċizzjonijiet iebsa setgħu waslu għal parti mir-riżultat miksub, pero illum jien kburi li flimkien ma sħabi ser inkun qed inħalli legat tal-proġett tal-pjazza tal-Mosta, talli tajna pjazza lin-nies fi tmiem il-ġimgħa, tal-akbar riġenerazzjoni li qatt seħħet fil-Housing Estate, tal-ispazji pubbliċi li wettaqna, tal-infrastruttura li saret fil-Mosta u tal-akbar ammont ta' attivitajiet kulturali li qatt saru fil-Mosta. F'dan it-terminu li kont Sindku, propju sentejn, biex sar dan ix-xogħol kollu ħdimna lejl u nhar.

Qabel nagħlaq għandi żewġ appelli.

L-ewwel u mhux lanqas il-manutenzjoni tal-proġetti kollha li saru. Kunsill ġdid mhux biss irid joħlom, jimplimenta u jwettaq proġetti ġodda iżda jrid jmantni l-proġetti li saru b'mod speċjali proġetti ħajjin bħal ma huma l-ammont kbir ta' siġar li tħawwlu. Dawn irridu nieħdu ħsiebhom, b'mod speċjali f'dawn ix-xhur tas-Sajf.

It-tieni appell huma l-fondi. L-allokazzjoni tal-Kunsill tal-Mosta hija ta' madwar 1.4Miljun ewro. Din l-allokazzjoni tintefaq fi ġbir ta' skart, bulky refuse, knis, tindif, żamma ta' spazji pubbliċi, salarji, manutenzjoni ta' toroq u lampi tat-toroq u daqshekk – xejn aktar.

Ma tagħmilx proġett kapitali mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Ara ma taħsbux li meta lħaqt Sindku ftaħt kexxun u kien hemm fondi biex saret il-pjazza kif saret jew biex wettaqna dak li wettaqna. Ir-realta' hija ferm differenti min hekk. Biex tagħmel proġett, bħal ma kien dak tal-pjazzzza trid tapplika f'kull skema, ma tridtx taqbiżlek skema, trid titlob l-awtoritajiet, ministeri, ceo's, ministri. Trid tibki, iddejjaq sakemm tipperswadi u ġġib il-fondi. Il-fondi ma jiġux għax tibgħat email. Xejn ma jiġi waħdu. Il-proġetti, bħal ma kien tal-pjazza trid tgħaqqadhom int. F'Jannar 2023 bdejna bil-bdil tas-servizzi fil-pjazza. Ħadd ma kien qed joħlom li ġejja pavimentata. Kien se jkollna pjazza b'bankini normali u toroq tal-asfalt. Pero matul il-vjaġġ, b'determinazzjoni u b'rieda liema bħalha ħabbat kull bieb u f'Diċembru 2023 spiċċajna bil-pjazza li għandna llum. Ġieli tant ikunu qed jiġru affarijiet f'salt li qas ikollok ċans tikkomunika jew tilħaq tiġi kritikat qabel tkun ikkomunikajt. Kultant, bħalma jiġri f'kull għaqda u soċjeta' li hawn ħafna minkom familjari magħhom, ix-xogħol jaqa' fuq il-ftit.

Ftit ilu ħarġet skema għall-Kunsilli kollha mill-*Public Works* għall-infrastruttura tal-Kunsilli Lokali. Hawn kunsilli li għadhom qas applikaw, hawn min applika għal proġetti żgħar u hawn min bħalna applika għal 10 proġetti b'valur ta 2Miljun ewro, u sa llum mhux biss applikajna iżda wettaqna kważi nofshom.

Issa naħseb qed tifmhu d-differenza bejn Kunsill u Kunsill u bejn Sindku u Sindku.

Iż-żmien jgħaddi u jgerbeb u ma jistenna 'l ħadd.

Il-quddiem, it-tfal jew it-tfal tat-tfal, jaraw lapida kommemorattiva u jġħidu ara dan il-proġett għamlu missieri, jew in-nannu jew il-buż nannu. Jien nappella li naħdmu lkoll flimkien f'din il-leġislatura ħalli ħalli nħallu aktar legati 'l ta' warajna.

Ejja mhux nippruvaw nintilfu flok nagħmlu proġetti ġodda, nippruvaw inkisru dak li sar.

Sur Sindku, jew sieħbi Joseph, issa int ix-xufier ta' dan il-vjaġġ.

Nawguralek li tmexxina, li tagħmel dik il-manutenzjoni xierqa, u li tmur iddejjaq, tħabbat u ġġib il-fondi, bla ebda skuża, bħal ma għamilt jien meta kont xufier jien, ħalli nkomplu nibnu u nsebħu l- Mosta tagħna. Jien nista' nwegħdek l-appoġġ tiegħi jekk l-appoġġ ikun wieħed reċiproku.

Ftakar li apparti l-legat li ħallejna, ħallejna wkoll 3 MOU's iffirmati għal 3 proġetti li jammontaw qrib l-4Miljun Ewro. Dawn huma r-riġenrazzjoni ta' Ġnien Reggie Ċilia liema proġett ser ikun ferm important għal kontinwazzjoni tar-riġenerazzjoni tal-pjazza, l-proġett tal-ġibjun f'ta' Mlit u l-proġett tal-ispazju pubbliku aċċessibli għal kulħadd fuq dan l-istess ġibjun. Dawn ta' l-aħħar huma ferm importanti għar-riġenerazzjoni tal-Housing estate tagħna. Jiena nawgura li dawn isiru f'din il-leġislatura. Għalkemm il-Kunsill f'dawn it-3 proġetti ftit li xejn ser joħroġ fondi, biex dawn isiru trid tippersisti u tħabbrek.

Qabel nagħlaq, lill-membri l-ġodda tal-kunsill, nagħtihom l-awguri tiegħi mill-qalb u l-isbaħ xewqat.

Issa intom fdati bir-responsabbiltà li tiggwidaw il-Mosta lejn il-ġejjini.

Għandi kull fiduċja fil-kapaċitajiet u d-dedikazzjoni tagħkom. Ftakru, li x-xogħol li nagħmlu m'huwiex għar-rikonoxximenti individwali, iżda l-iskop dejjiemi għandu jdur madwar l-progress kollettiv u t-titjib tal-lokalita' tagħna.

Bħala konklużjoni, irrid nesprimi l-akbar gratitudni tiegħi ir-residenti tal-Mosta għall-appoġġ u l-fiduċja tagħhom f'din il-leġislatura b'mod partikolari f'dawn l-aħħar sentejn.

Li sservejt bħala sindku tal-Mosta kien għalija unur u privileġġ.

Kburi b'dak li ksibna flimkien u ottimist għal dak li ġej.

Ejja nkomplu naħdmu flimkien, b'għaqda u determinazzjoni, biex nibnu futur isbaħ u aktar prosperu għal kulħadd.

Ippermettulu nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, lill-istaff tal-Kunsill, lill-ħaddiema kollha li jaħdmnu mall-kunsill, lill-kunsilliera li ddeċidew li ma jkomplux u oħrajn li ma ġewx eletti, lill-kuntratturi kollha li ħadmu mall-Kunsill, lill-kuntratturi tal-Kunsill, lit-tim ta' ħaddiema li bnejn jien biex żammejna l-Mosta fi stat xieraq, lir-Reġjun Tramuntana, lill-Awtoritajiet, Ministri, CEO's u l-Gvern Ċentrali li jew b'mod jew b'ieħor, tawna fondi biex insebbħu l-Mosta.

**Grazzi, u j'Alla l-Mosta tkompli tkiber u tissaħħaħ... Viva il-Mosta u l-Mostin.**

**Perit Chris Grech**

**Ex Sindku**

APPENDICI D

Ħbieb

Din kienet deċiżjoni tagħkom. Tlabtuni sabiex nerġa' npoġġi ismi fil-lista tal-kandidati għall-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali fil-Mosta. Ma qtajtux qalbkom u kkonvinċejtuni. Imlejtuni b'ħeġġa u determinazzjoni aktar minn qatt qabel sabiex inkompli dan l-vjaġġ u għar-raba darba erġajtu tajtuni l-privileġġ li nerġa nkun ta' servizz. Onorat u nistqarr li b'umiltà u bi pjaċir ser inkun qed naħdem id f'id mas-Sindku il-ġdid Joseph Gatt u l-kunsilliera kollha għall-ġid tal-Mosta u l-Mostin.

Bħal dan iż-żmien 5 snin ilu jien kont l-Kenya u ma stjatx inkun preżenti fosthkom iżda xorta waħda kont ħassejt li kelli nwassal messaġġ waqt l-ħatra tas-Sindku, illum Onor. Romilda Zarb. L-appell tiegħi kien wieħed ta' kontinwita u għaqda. Kont tlabt ukoll sabiex jkun hemm kawtela u s-surplus finanzjarju ta' ftit iktar minn €400,000 – li fisser sagrifiċċji kbar- ma jitberbaqx bla pjan.

Huwa naturali u mistenni li Kunsill wara l-ieħor, jpoġġi prijoritajiet li jistgħu jkunu differenti minn dawk ta' qabel. Iżda nkunu qed naraw sa mneħierna jekk kemm l-darba dak li ħadmu fuqu ta' qabilna ma nkomplux nibnu u naħdmu fuqu. B'għafsa ta' qalb nħares lura u nara programm ta' proġetti mfassal bejn l-2015 u l-2019 b'valur totali ta' miljun u tlett mitt elf ewro li ġie skartat u mwarrab minkejja diversi talbiet u l-bżonn sabiex ix-xogħol jitkompla. Fost oħrajn insemmu resurfacing fi Triq Charles J. Vassallo, Triq Dun Mikiel Xerri, Sqaq Xorxa u Sqaq Nru. 3 fi Triq Sant Anton Abbati. Nemmen li minkejja d-diversi sfidi finanzjajri li għandu quddiemu dan l-kunsill- l-isfidi li għandna quddiemna- dan ix-xogħol, dawn l-proġetti jridu jsiru mingħajr iktar dewmin.

Flimkien mal-bqija tal-kunsilliera kollha, irridu ngħamlu ċert li nkunu rappreżentanti denji u xierqa tal-Mostin. Irridu nkunu ċerti li nisimgħu u naħdmu mar-residenti. Irridu nkunu ċerti li ngħatu spazju xieraq lir-residenti fejn jwasslu l-ħsibijiet tagħhom bla biża u b'mod ħieles. Dan jkun l-aqwa u l-aħjar ċertfikat li Kunsill Lokali jista jikseb.

Ma rridux inkunu Kunsill tat-triq, tal-bankina, tal-bozza jew tal-borża tal-iskart biss, iżda rridu nkunu Kunsill b'qalb li tħabbat mar-residenti u li nimxu flimkien magħkom f'dawn il-ħames snin li ġejjin.

F'okkazzjoni bħal din tal-lejla, ippermettuli nirringrazzja lil dawk li jaqsmu miegħi dan l-vjaġġ li mhux dejjem jkun faċli. Mhux dejjem jkun ward u żahar. L-impenn jitlob ukoll sagrifiċċji anke

minn dawk viċin tiegħek. Grazzi lil Analise u Lias, lil ommi u lil ħuti, lill-familjari u l-ħbieb u lil dawk kollha li ħdimna flimkien. Iżda ppermettuli nirringrazzja ukoll lil dawk li ma jħaddnux l-istess twemmin politiku tiegħi iżda xorta waħda emmnu fija u appoġġawni – nifhem li mhux faċli, iżda nifhem ukoll li għamiltu dan għax qalbkom tħabbat għall-Mosta.

Nieħu l-okkazzjoni ukoll sabiex insellem lil dawk li iltqajt magħhom f'dan l-vjaġġ u llum m'għadhomx magħna.

Intenni l-impenn tiegħi sabiex b'determinazzjoni u b'enerġija nkompli naħdem għall-ġid tal-Mosta u l-Mostin.

Mosta tagħna, belt twelidna,

Nixtieqlek barka u sliem,

B'kull imħabba ħierġa minn qalbna,

U li tisboq kull kliem.

Keith Cassar

Viċi Sindku

08.vii.2024

## APPENDIĊI E

## DEKASTERI 9 LEĠIZLATURA

**Sindku Joseph Gatt :**
Infrastruttura
Progetti
PPP
Finanzi
Puluzija / Infurzar

**Viċi Sindku Keith Cassar :**
Kultura
Festi
Patrimonju / Wirt Storiku Mosti
Attivitajiet Kulturali
Ghaqdiet Mostin
Gieh Mosta / Jum il-Mosta
Hrug Permessi inkluz Festi
Gemellaggi

**Kunsillier Thomas De Martino :**
Ambjent
Harsien tal-Widien
Pjazzez
Magazine tal-Kunsill
(vici) Infrastruttura
(vici) Progetti
(vici) Facebook u Social Media
Transport Pubbliku
Turizmu

**Kunsilliera Michaela Ann Bayliss :**
Zaghzagh u tfal
Fondi Ewropej / Lokali
Youth Empowerment Centre
Pagna ta Facebook u Social Media

**Kunsillier Sammy Mallia :**
Qasam Socjali
Mosta Solidali
Familji

**Kunsillier Aiken Zerafa:**
Indafa
Skart Goff
Gbir Ta Skart
Gonna Pubblici
Komunitajiet Kummercjali
Relazzjonijiet Internazzjonali
(vici) Sports

**Kunsillier Charles Schembri :**
L-Anzjani
Day Care Centre
Hargiet

**Minority Leader Anthony Agius Decelis :**
Edukazzjoni
Dizabilita

**Kunsillier Chris Grech :**
Innovazzjoni
Energia Rinovabli u Kwalita ta hajja ahjar
Koordinatur Ma Gvern Centrali
Upkeeping Housing Estate

**Kunsilliera Pia Bonnici :**
Harsien ta l-Annimali

**Kunsilliera Rachel Abela :**
Integrazzjoni Socjali
Servizzi ta Bozoz

**Kunsillier Andre Buhagiar :**
Sports u Attivitajiet Fizici

**Kunsilliera Chantelle Portelli :**
Komunitajiet
Zoni

---

**KUMITATI**

**Traffic Management Committee :**
Sindku Joseph Gatt
Thomas De Martino
Michaela Ann Bayliss
Anthony Agius Decelis
Andre Buhagiar

**Board Interviews :**
Segretarja Ezekuttiv
Sindku Joseph Gatt
Thomas De Martino
Chris Grech

**Tender Evaluation Committee :**
Sindku Joseph Gatt
Thomas De Martino
Anthony Agius Decelis

**Claims Committee :**
Vici Sindku Keith Cassar
Aiken Zerafa
Pia Bonnici

**Board Gieh Mosta :**
Vici Sindku Keith Cassar
Profs George Cassar
Sur Joe Bartolo

**Kumitat Relazzjonijiet Internazzjonali :**
Aiken Zerafa
Sur Nazzareno Vassallo
(żewġ persuni oħra għad jridu jiġu appuntati)

APPENDICI F

Għeżież Mostin,

Illum hija ġurnata speċjali għalija hekk kif għadni kemm ingħatajt il-privileġġ li nservi lill-lokalita tagħna fil-kariga ta' Sindku. Dan huwa mument ta' ferħ u responsabbiltà, u ngħoddni tassew privileġġjat li intom afdajtuni b'dan l-irwol importanti.

Qabel xejn, nixtieq nibda billi nirringrazzja lis-Sindku preċedenti għal xogħol siewi li għamel u għall-impenn tiegħu fil-komunità. Għalkemm ma naqblux politikament, m'għandix dubju li dejjem prova jaħdem għal-ġid tal-Mosta tagħna. Nispera li dan il-Kunsill issa jirnexxiel jibni u jtejjeb fuq dak li diġa sar.

Nixtieq ukoll nesprimi r-rikonoxximent tiegħi lill-kunsilliera li għal xi raġuni jew oħra, mhux ser ikunu parti minn dan il-Kunsill, fosthom Frans Deguara, Angele Rapa, Jesmond Gauci, George Borg, Marvic Camilleri u Anna Galea. L-isforzi tagħhom tul is-snin kienu kruċjali biex il-Mosta tkompli tavvanza. Grazzi tal-ħidma tagħkom u tal-impenn lejn il-komunità tagħna.

L-ambizzjoni tiegħi hija li naraw il-Mosta tkompli tikber u tinbidel f'ċentru fejn kulħadd jista' jgħix ħajja aħjar, iktar komda u iktar sostenibbli. Madankollu biex naslu fejn irridu naslu, u ser inkun qiegħed nispjega aktar il-quddiem fejn irrid naslu, ser ikonna negħlbu ħafna sfidi. F'dawn il-ftit ġranet li fihom bdejna nieħdu f'idejna t-tmexxija tal-kunsill, ikolli nammetti li kont diżappuntat b'dak li sibt. Mhux talli t-tmexxija preċedenti ma ħallietx flus fil-kont tal-Kunsill, iżda instab deficit ta' aktar minn nofs miljun Ewro, fejn infatti ser inlaqqa mill-ewwel fil-laqa li imiss l-accountant tal-kunsill biex jispjega ezattament iċ-cifri finanzjarji. Dan ifisser li mhux biss m'għandniex fondi disponibbli biex nibdew proġetti ġodda, iżda wkoll irridu nsibu mod kif inħallsu dan id-defiċit. Din is-sitwazzjoni tpoġġina f'pożizzjoni diffiċli ħafna biex inwettqu l-proġetti meħtieġa għall-ġid tal-komunità tagħna, inkluż titjib fl-infrastruttura, inizjattivi ġodda, u servizzi essenzjali oħra. Jiena nwiegħdkom li flimkien ma sħabi, ser inkun qiegħed naħdem bla waqfien sabiex insib soluzzjonijiet kreattivi u sostenibbli biex nagħlqu din id-distakk u nirkupraw l-istabbiltà finanzjarja fil-Kunsill tal-Mosta.

Minkejja dawn l-isfidi, aħna ma ġejniex eletti biex noqgħodu nikkritikaw li ġara fil-passat, jew insibu skużi biex ma nkomplux naħdmu u n-neħddu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn. Il-Kunsilliera li ġew eletti zgur li għandna ħafna ideat, għandna enerġija u determinazzjoni li naħdmu u ntejbu l-Mosta. Kollha flimkien lillin mill-kuluri ghal-gid tal-Mostin kollha.

F'dan il-kuntest, hemm xi oqsma ewlenin li ċertament ser ikunu ta' priorita għalina f'dawn il-ħames snin li ġejjin:

1. **Ambjent u Sostenibilità**: Irridu ngaħmlu minn kollox biex innaqsu l-impatt ambjentali tal-belt tagħna, billi nippromwovi l-użu ta' enerġija rinnovabbli, programmi ta' riċiklaġġ aktar effettivi, u l-ħarsien tal-ispazji miftuħa tagħna.
2. **Infrastruttura u Trasport**: Bla dubju dan diġa kien suġett kontroversjali fil-passat, u aħna kommessi li nindirzzaw din il-problema sabiex ikonnn sistema ta' toroq aħjar, aktar siguri, u li jiffaċilitaw il-ħajja tar-residenti.

3. **Komunikazzjoni aħjar mar-Residenti**: Waħda mill-prijoritajiet tagħna hija li ntejbu l-komunikazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u r-residenti. Irridu li kulħadd ikun involut u infurmat dwar x'qed jiġri fil-Mosta. Se nsaħħu l-għodda li għandna sabiex nikkomunikaw aħjar u b'hekk mhux biss nisimgħu l-ideat u t-tħassib tagħkom, imma wkoll ma jkunx hemm sorpriżi f'dak li nkunu qiegħdin naħdmu fuqu.

4. **Kultura u Komunità**: Il-Mosta għandha storja u kultura rikka. Irridu nżommu u nippromwovu l-wirt kulturali tagħna, filwaqt li noħolqu aktar opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tal-komunità f'attivitajiet soċjali u kulturali.

5. **Servizzi**: Qiegħed inpoġġi importanza kbira fuq it-titjib tas-servizzi offruti mill-Kunsill Lokali biex nassiguraw li kull Mosti jkollu aċċess faċli u effiċjenti għas-servizzi meħtieġa. Irridu naraw li kulħadd ikun jista' jinqeda bla tbatija f'dak kollu li jkollu bżonn.

Dan kollu ma jistax isir mingħajr l-appoġġ tagħkom, il-komunità tagħna. Inħeġġiġkom biex tkunu parteċipattivi, biex taqsmu l-ideat tagħkom, u biex naħdmu flimkien għall-ġid komuni. Nemmen bis-sħiħ li flimkien nistgħu niksbu ħafna aktar.

L-aħħar kelma tmur lejn il-Kunsilliera li ser jiffurmaw parti minn dan il-Kunsill Lokali l-ġdid. Kburi li ser inkunu qiegħdhin naħdmu flimkien. Ħafna minnha diġa ħdimna flimkien fil-passat u m'għandix dubju li ser inkompli naħdmu fuq dak li bdejna. Lil min ser jibda l-mixja tiegħu f'din il-leġislatura, jaf li ser isib bieb miftuħ dejjem. Jiena kommess li naħdem ma kulħadd. Kull min jafni jaf li jien qatt ma rajt kuluri u dejjem sibt li nibni fuq dak li jagħaqqadna, mhux ser inbiddel il-mod ta' kif naħdem. Joe Gatt kont – u Joe Gatt ser nibqa.

Grazzi lil kull min heni – lill-familja tieghi u lil siehbi Joseph Vassallo li halliena ghal hajja ta dejjem.

Grazzi tal-fiduċja tagħkom, u napprezza l-opportunità li nservikhom. Flimkien, ejjew nagħmlu l-Mosta post aħjar għalina u għall-ġenerazzjonijiet futuri. Għalik.

Grazzi u Viva l-Mosta!